# Ir-Riserva Naturali tas-Simar tospita skambju internazzjonali taż-żgħażagħ

## L-Iscouts ta' Ħad-Dingli u l-YMCA tal-Ungerija jagħmlu xogħol fir-riserva bħala parti mill-proġett Action for Nature

Matul ix-xahar ta' Lulju, grupp ta' żgħażagħ mill-YMCA tal-Ungerija rritorna Malta biex jingħaqad ma' membri tal-Grupp tal-Iscouts ta' Ħad-Dingli fi skambju internazzjonali bħala parti mill-proġett Action for Nature li għandu l-iskop li jġib flimkien żgħażagħ għall-ħarsien tan-natura.

Tul il-ġimgħa li dam għaddej l-iskambju, iż-żgħażagħ Maltin u barranin ta' etajiet li jvarjaw bejn l-14 u l-20 sena, ħadmu flimkien biex joħolqu *seating areas* bil-bankijiet fir-Riserva Naturali tas-Simar immexxija minn BirdLife Malta, u ħolqu wkoll *'wildlife explore area'* biex titgawda mill-istudenti u l-familji li jkunu qed jitgħallmu dwar in-natura waqt iż-żjarat fir-riserva.

Minbarra l-ħidma biex itejjeb ir-riserva naturali, il-grupp ħa sehem ukoll f'sensiela ta' *development workshops* intiżi li jtejbu l-ħiliet tal-parteċipanti fit-*team work,* fil-*public speaking* u fil-*leadership.* Waqt il-ħin liberu tagħhom, il-parteċipanti attendew ukoll vjaġġ bid-dgħajsa taħt l-irdumijiet għall-osservazzjoni tal-għasafar tal-baħar u ttieħdu wkoll jgħumu f'numru ta' bajjiet differenti Maltin.

Bħala ċelebrazzjoni tax-xogħol li għamlu, nhar il-Ħadd 24 ta' Lulju fir-Riserva Naturali tas-Simar kienet organizzata *open day* li matulha 50 membru tal-pubbliku ngħataw *tour* tar-riserva li tmexxa mit-tim u li matulu setgħu jaraw it-titjib li sar mill-istess grupp.

Matul din l-attività l-membri żgħar tal-Iscouts ta' Ħad-Dingli wkoll setgħu jesploraw ir-riserva kollha u jisimgħu dwar il-ħidma li twettqet mill-parteċipanti tal-iskambju.

F'kummenti dwar il-proġett, Karl Zammit – wieħed mill-parteċipanti mid-Dingli Scout Group – iddeskriva din l-esperjenza bħala waħda utli u qal li matul il-kamp il-parteċipanti setgħu jsiru jafu aħjar lil xulxin u żvilupp f'tim b'saħħtu li kien qed jaħdem fuq għan wieħed. Hu kompla jispjega li jinsabu sodisfatti bix-xogħol kollu li għamlu u faħħar lil-*leaders* tal-iskambju li qal li għamlu din l-

esperjenza waħda speċjali. “Kienet esperjenza interessanti u li matulha, fuq kollox, ħadna ħafna gost. Nittama li jkollna esperjenzi oħrajn simili fil-futur.”
Hannah Chisholm, l-Education Manager ta’ BirdLife Malta li kienet ukoll wieħed mil-*leaders* tal-proġett, sostniet li ż-żewġ gruppi ta’ żgħażagħ urew *team work* qawwi u kompliet tgħid li kienet impressjonata bit-titjib li sar fir-Riserva Naturali tas-Simar. “Dak li għamlu dawn iż-żgħażagħ se jgawdu minnu sew ir-riserva kif ukoll dawk kollha li jżuruha”.
Il-proġett Action for Nature, li hu mifrux fuq perjodu ta’ 20 xahar, jipprovdi opportunitajiet ta’ parteċipazzjoni attiva, skambju bejn iż-żgħażagħ u impenn soċjali lil dawk li jieħdu sehem fih, jiġifieri żgħażagħ ta’ bejn it-13 u t-22 sena. L-iskop aħħari tal-proġett hu li jimmotiva lill-parteċipanti biex ikomplu jinvolvu rwieħhom fil-ħarsien tal-ambjent u fl-istess ħin jagħtihom il-ħiliet meħtieġa biex jagħmlu dan.
Fl-2017, bħala parti minn dan il-proġett, se jsiru żewġ skambji oħra internazzjonali għal żgħażagħ minn Malta, l-Ungerija u n-Norveġja.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti jistgħu jitniżżlu minn:** https://we.tl/U5Ij4lyiIH
Għażla ta’ ritratti meħuda waqt l-iskambju taż-żgħażagħ (Ritratti ta’ Hannah Chisholm)

**Ħoloq utli:**
http://birdlifemalta.org/education/youth-groups/informal-education-for-youth-groups/
http://birdlifemalta.org/action-for-nature-birdlife-malta-host-international-scout-exchange/
http://birdlifemalta.org/local-nature-reserves-to-be-improved-during-international-scout-exchange/